MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 3353/1996/2

**Victor Azzopardi, Joseph Azzopardi, Paul Azzopardi, Emmanuela mart Joseph Micallef, Sylvia mart Thomas Galea, Nina mart Martin Fenech, Anna sive Carmen mart Paul Vella, ahwa Azzopardi; u Raymond, Paul u Simon ahwa Borg**

**vs**

**John Azzopardi; Eugenio u Helen konjugi Azzopardi, f`isimhom proprju u fil-kwalita` taghhom ta` rapprezentanti legittimi ta` wliedhom minuri Graziella u Brenda ahwa Azzopardi; u Maria Azzopardi, bhala uzufruttwarja tal-assi ereditarji ta` John Azzopardi, ghal kull interess li jista` jkollha**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fil-28 ta` Novembru, 1996, li in forza taghha, wara li eccepew illi:

John Azzopardi, iben il-mejtin Giuseppe u Paola mwielda Apap, miet fit-tmienja w ghoxrin (28) t`Awissu, 1995;

L-imsemmi John Azzopardi jigi missier il-kontendenti u zewg il-konvenuta Maria Azzopardi, fil-waqt li jigi wkoll in-nannu matern tal-atturi Raymond, Paul u Simon, ahwa Borg, ulied il-meta Concetta nee` Azzopardi;

Minn dak li jirizulta mill-istralc ippubblikat b`ordni tal-Onorabbli Sekond`Awla tal-Qorti Civili fuq talba tal-esponenti, jidher li l-wirt tieghu jinsab regolat bis-sahha ta` zewg testmenti *unica charta* datati rispettivament erbgha (4) t`Ottubru, tal-elf disa` mija u erbgha u tmenin (1984) [Dok A] u iehor tad-disgha w ghoxrin (29) t`April, tal-elf disa` mija u wiehed u disghin (1991) [Dok B], pubblikati t-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut;

Kif jidher mill-imsemmija estratti, l-istess John Azzopardi ddispona b`titolu ta` legat, rispettivament fil-hames artikolu tal-ewwel testment fuq imsemmi u fit-tieni artikolu tat-tieni testment fuq imsemmi, konsegwibbli wara l-mewt ta` martu l-konvenuta Maria Azzopardi, a favur tal-konvenuti l-ohrajn jew l-aventi kawza minnhom, minn gid immobbiljari u mobbiljari;

Kif jirrizulta mill-annessa dikjarazzjoni *causa mortis* fl-att tan-Nutar Dottor Marthese Felice tat-tlettax (13) ta` Frar, tas-sena korrenti [Dok C], z-zewg beni mhollija fl-imsemmija legati jikkostitwixxu l-assi ereditarji tal-imsemmi John Azzopardi;

Mill-premess u kif jista` jigi ulterjorment ippruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza, ghandu jirrizulta palesament li, ghalkemm l-atturi gew nominati werrieta, flimkien ma` huthom il-konvenuti, tal-assi ereditarji ta` missierhom, bis-sahha tad-disposizzjonijiet tieghu testamentarji fuq riferiti l-imsemmi John Azzopardi qabez is-sehem illi minnu, bhala testatur, seta` jaghmel, b`mod li gie vjolat sahansitra l-jedd ta` legittima spettanti lill-atturi;

Il-konvenuti gew interepellati, anke permess ta` ittra ufficjali, sabiex jersqu ghall-prattiki mehtiega sabiex jigi likwidat u assenjat lill-atturi s-sehem spettanti lilhom mill-wirt tal-istess John Azzopardi, imma l-konvenuti baqghu inadempjeni;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tillikwida, jekk mehtieg bl-opra ta` perit minnha mahtur, l-assi ereditarji tal-imsemmi John Azzopardi billi jigi dikjarat li jikkonsistu f`nofs l-assi konjugali esistenti bejnu u l-konvenuta Maria Azzopardi u minn dawk il-beni kollha li jistghu jirrizultaw;

2. tiddikjara, konsegwentement, li l-imsemmi John Azzopardi, fl-imsemmija zewg testmenti tieghu, ghamel dispozizzjonijiet tali li qabez is-sehem li minnu seta` jaghmel, u cahhad lill-atturi mill-jedd taghhom tal-legittima, u, kwantu tali, li l-istess disposizzjonijiet huma nulli u bla effett;

3. tapplika ghar-rigward tal-imsemmija disposizzjonijiet testamentarj d-disposizzjonijiet tal-artikolu 647 sa 653 tal-Kodici Civili ta` Malta [Kap 16];

4. taqsam l-assi ereditarji hekk likwidat f`ghaxar porzjonijiet indaqs u assenjati kwantu ghal decima (1/10) parti kull wiehed u wahda mill-kontendenti John, Eugenio, Victor, Joseph, Paul, Emanuela Micallef, Sylvia Galea, Nina Fenech u Anna sive Carmen mart Paul Vella, ahwa Azzopardi; u kwantu ghal trentesima (1/30) parti kull wiehed lill-atturi Raymond, Paul u Simon, ahwa Borg, ulied il-mejta Concetta nee` Azzopardi; u

5. tinnomina nutar sabiex jippubblika l-atti relattivi u kuraturi ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-22 ta` Lulju, 1996, u tal-Mandat ta` Inibizzjoni kontestwali prezentat, kontra l-konvenuti, ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

(1) It-talba attrici hija prematura galadarba l-laxxiti mhollija mit-testatur John Azzopardi huma kontenuti f`testment *'unica charta'* u huma biss konsegwibbli wara l-mewt tas-superstiti l-eccipjenti Maria Azzopardi li ghandha wkoll l-uzu ta` l-uzufrutt fuq l-istess laxxiti.

(2) L-atturi jridu jiddikjaraw jekk humiex qeghdin jagixxu qua legittimarji jew bhala eredi.

(3) Bla pregudizzju ghall-premess id-disposizzjonijiet testamentarji ma jistghux jigi dikjarati nulli f`kaz ta` ezitu favorevoli ghall-atturi izda *se mai* ridotti. F`kull kaz f`cirkostanza bhal din ghandu jkollu applikabilita` d-dispost tas-subinciz (2) ghall-Artikolu 653 tal-Kapitolu 16.

(4) It-talba attrici hi prematura wkoll ghax is-superstiti u cioe` l-eccipjenti Maria Azzopardi ghandha rizervata favur taghha l-fakolta` *'di variare'* t-testment, u dan b`disposizzjoni espressa testimentarja.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-1 ta` Gunju 1999, li in forza tieghu gew mahtura bhala periti gudizzjarji l-AIC David Pace u Dr. Mark Chetcuti sabiex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x`jaqsmu mal-kaz;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-periti gudizzjarji;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-istess periti gudizzjarji;

Rat l-affidavits esebiti bhala prova;

Rat ir-rapportipprezentat mill-AIC David Pace fit-28 ta` Settembru, 2004, u minnu mahluf fl-udjenza tas-26 ta` Ottubru, 2004;

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr. Mark Chetcuti ipprezentat fis-26 ta` Ottubru, 2004, u minnu mahluf fl-udjenza tas-17 ta` Frar, 2005;

Semghet lill-periti gudizzjarji in eskussjoni;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna talba ghal-likwidazzjoni u qsim tal-wirt ta` John Azzopardi li miet fit-28 ta` Awissu, 1995. Jirrizulta li dan miet b`zewg testmenti *'unica charta'*, it-tnejn ippubblikati min Nutar Dottor Angelo Sammut, wiehed fl-4 ta` Ottubru, 1984, u l-iehor fid-29 ta` April, 1991. Bis-sahha ta` dawn it-testmenti, martu Maria thalliet l-uzu u uzufrutt universali tal-assi ereditarji tieghu, u kellha wkoll il-fakolta` li tvarja t-testmenti. Ghalkemm meta infethet il-kawza, l-armla Maria Azzopardi kienet hajja (tant li giet citata bhala wahda mill-konvenuti), din mietet fis-26 ta` Awissu, 1997, minghajr ma varjat il-kontenut tat-testmenti *unica charta* li kienet ghamlet ma zewgha. Dan il-fatt iwassal ghac-cirkustanza li l-ewwel u r-raba eccezzjoni tal-konvenuti gew sorvelati. B`hekk l-eccezzjoni li din Maria Azzopardi kienet tgawdi l-uzufrutt fuq l-assi ta` zewgha wara li dan miet u l-eccezzjoni li hi kellha fakolta` *di variare* fit-testmenti *unica charta* maghmula bejn il-konjugi, illum ma ghandhom ebda validita` fuq il-meritu tal-kawza.

L-akbar problema f`din il-kawza hija n-natura tal-azzjoni intentata mill-atturi. Il-perit legali osserva li hemm diskrepanza qawwija bejn it-tieni u t-tielet talba, min-naha l-wahda, u r-raba` talba attrici. Dan inghad peress illi fil-

waqt li favur l-ulied ta` testatur hemm rizervata l-hekk imsejha legittima (illum imsejha porzjoni reservata), li ghandha tigi kkalkulata fuq l-assi kollha tad-de cujus, minghajr ma jittiehdu in konsiderazzjoni l-legati imhollija f`testment, biex l-ulied ikollhom dritt jippercepixxu din il-legittima, jekk ikunu mahtura eredi, jridu jirrinunzjaw ghat-testment u jitolbu l-legittima. Ulied li jridu jzommu l-istatus ta` eredi, ma jistghux jitolbu l-legittima, peress li din hi rizervata biss ghal dawk li mhumiex eredi izda li, fil-fehma tal-Legislatur, jimmeritaw porzjoni mill-assi tad-de cujus. L-eredi jkompli l-personalita` guridika tad-de cujus, u, ‘lkoll flimkien, jilbsu z-zarbun tal-mejjet. Bhala tali, huma marbuta li jonoraw u jsegwu dak kollu li ghamel id-de cujus, inkluz li jirrispettaw id-dispozizzjonijeit testamentarji minnu maghmula. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Zammit vs Ellul”, deciza fid-19 ta` Frar, 2004, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza lokali:

*“Il-legittimarju ma jitlifx il-jedd ghal legittima jekk kemm-il darba jirrinunzja ghall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b`legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt”*.

Issa, kif jidher, f`dan il-kaz, l-atturi ma irrinunzjawx ghall-wirt, tant li t-talba principali taghhom hi li jigi assenjat lilhom porzjon indaqs tal-assi ta` John Azzopardi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Gauci vs Cauci”, deciza fis-7 ta` Mejju, 1985, fil-waqt li l-legittima hija riservata lill-ulied it-testatur, din, pero`, ma tinghatax *‘ex lege’*, izda trid tintalab specifikament minnhom. F`dan il-kaz, mhux talli l-atturi mhux qed jitolbu l-legittima, talli qed jitolbu specifikament is-sehem shih mill-wirt ta` John Azzopardi, jigifieri parti minn ghaxra (1/10) kull wiehed u wahda minnhom (peress li, testatur kellu 10 ulied u iben iehor li miet qablu u guvni). Il-Qorti, ghalhekk, ma taqbilx mal-perit legali li l-atturi *“qed jitolbu li jinghataw il-legittima spettanti lilhom”*, u dana peress li, bhala fatt, l-atturi m`ghamlux din it-talba fl-att tac-citazzjoni, li hi min-naha l-ohra, specifika ghal sehemhom shih tal-wirt. Kieku l-atturi talbu li jinghataw il-legittima, kienu jitolbu li kull wiehed minnhom jinghata parti minn ghoxrin parti (1/20) tal-wirt ta` John Azzopardi, cioe`, parti minn ghaxra tan-nofs (artikoli 616 u 617 tal-Kodici Civili); dan kif intwera, ma

giex mitlub, imma l-atturi talbu sehemhom shieh bhala eredi tal-imsemmi John Azzopardi.

La darba l-atturi mhumiex, u issa ma jistghux, jitolbu l-legittima, u qed jagixxu qua eredi, irid issa jigi misthareg jekk il-provvedimenti dwar ir-riduzzjoni tad-dispozizzjonijiet ta` testment li jaqbzu s-sehem li t-testatur seta` jiddisponi minnu (artikolu 647 sa 653 tal-Kodici Civili), invokati mill-atturi, japplikawx jew le. Il-konvenuti jsostnu li dawk il-provvedimenti japplikaw biss meta tintalab il-legittima min min ikun intitolat ghaliha. Din, pero`, ma tidhirx li hi l-pozizzjoni legali. Fin-noti ippreparati mill-Professur Caruana Galizia ghall-studenti universitarji, hu jghid, hekk fuq dan ir-rimedju (pagna 1018):

*“The persons to whom this action is competent are those in whose favour the law saves a portion of the deceased`s estate and who have not received the portion due to them, wholly or in part. It is equally competent to any of the said persons who has been unlawfully disinherited…As the said action is not a personal one, it may be exercised by the heirs, or even legatees or assignees of hereditary rights of the persons to whom this action is competent”.*

Aktar ‘l quddiem, meta l-Professur Caruana Galizia jitkellem fuq kif tispicca l-azzjoni ghar-riduzzjoni, jghid is-segwenti fil-kuntest tat-tielet mod ta` twaqqif ta` din l-azzjoni (pagna 1032):

*“if the said person is the heir of the deceased, <u>in which case he may only demand the reduction of the dispositions made to his co-heirs</u>, unless he has accepted the inheritance with the benefit of inventory. A pure and simple acceptance of the inheritance debars the heir from claiming the abatement of the deceased`s dispositions, because as such he is bound to respect whatever his author may have done; but as all the heirs are in the same position, <u>the law allows this action to be brought by one of them against the others</u>”. (sottolinear ta` din il-Qorti).*

Tajjeb li jigi osservat ukoll dak li jghidu <u>Amos & Walton</u> fil-ktieb *"Introduction to French Law"* (Third Edit. pagna 336), u cioe`:

*"It may happen that the de cujus has by gifts or legacies so diminished his estate that there is not enough left to satisfy <u>the claims of those heirs that have reserved rights</u>. When this occurs, the gifts or legacies have to be cut down". (sottolinear ukoll ta` din il-Qorti).*

Il-ligi franciza, kif inhu maghruf, huwa l-Kodici ta` Napuljun, li fuqu hu bazat l-Kodici Civili malti.

Mill-premess isegwi li dak mitlub mill-atturi fit-tieni u t-tielet talba taghhom, mhux inkompattibbli mat-talba taghhom li jiehdu sehemhom shih mill-wirt tad-de cujus.

Din il-Qorti issa trid tara jekk, bhala fatt, it-testatur iddisponhiex aktar mis-sehem rizervat favur l-ulied u f`kaz affermattiv favur min.

Dwar l-assi ad-decujus, din il-Qorti taqbel ma dak li irrelata l-perit legali fis-sens illi:

*"Il-prova ta` x`kien jikkonsisti l-assi u debiti tat-testatur John Azzopardi jispetta lill-attui. Dawn ftit li xejn gabu provi. Irrizulta illi t-testatur John u Maria Azzopardi kellhom il-proprjeta` 4 Sqaq Ganu B`Kara u l-ghalqa tal-Virtar mixtrija fiz-zwieg. Oltre dan l-atturi ma gabu ebda prova li t-testaturi kellhom xi assi ohra immobbli jew mobbli. Ma ngiebu ebda provi ta` assi bankarji ta` John Azzopardi jew mobbli fid-dar matrimonjali. Saret allegazzjoni li John Azzopardi kellu kamra msakkra fid-dar fejn kien jerfa hafna flus, deheb u affarijiet prezzjuzi. Pero` din l-allegazzjoni ma gietx sostanzjata. Hemm biss ix-xhieda ta` Victor li jghid li zewgt itfal ta` ohtu li kellhom erbgha u sitt snin rispettivament qalulu li n-nannu kellu kamra kollha flus. Jidher li John Azzopardi kien izomm kamra fid-dar imsakkra izda ma harget ebda prova ta` x`kien jinzamm fiha. Intqal biss li Helen Azzoparxdi hadet xi Lm700 minn din il-kamara li kien jappartjenu lil huha Costantino. Pero`, din mhux prova li wiehed jista jorbot*

*fuqha li fil-fatt f`din il-kamra kien hemm assi ta` John Azzopardi. L-istess jintqal dwar id-deheb u affarijiet prezzjuzi. Ma ngiebet ebda prova. John Azzopardi kien ilu penzjonant meta miet u l-introjtu tieghu kienet mill-penzjoni tieghu bhala bennej impjegat ma terzi u bejgh ta` nases tas-sajd li kien jimmanifattura hu. Hawn ukoll ma saret ebda prova tal-introjtu ta` John Azzopardi la qabel u wara li rtira li jiggustifika li kellu xi kwantita` ta` flus mohbijin. Il-provi li saru dwar l-omm wara l-mewt ta` John Azzopardi ma jitfa ebda dawl fuq dak li kellu John Azzopardi oltre l-immobbli imsemmija. L-istess jinghad dwar il-provi li saru fuq l-infieq ghall-kura, sptar u home ta` Maria Azzopard wara l-mewt ta` zewgha. Zgur li nefqet hafna flus pero` gie ppruvat illi kienet bieghet sehemha tal-art tal-Virtar ghal Lm30,000”*.

Il-Qorti, kwindi, taccetta illi l-assi tal-mejjet John Azzopardi kienu jikkonsistu biss fin-nofs indiviz tad-dar 4, Sqaq Ganu, Birkirkara, u nofs indiviz tal-art *“tal-Virtar”* ossija *“ta` Jannara”* gewwa Birkirkara. It-testatur halla nofs sehem tal-art *“tal-Virtar”* (cioe`, il-kwart) lil ibnu John Azzopardi, u nofs l-iehor (il-kwart l-iehor) lin-neputijiet tieghu Brenda u Graziella Azzopardi. Minn dawn, John Azzopardi gie nominat ukoll eredi, izda n-neputijiet le u kwindi ebda riduzzjoni ma tista issir mis-sehem imholli lill-Brenda u Graziella ahwa Azzopardi. Sehem it-testatur mid-dar fi Sqaq Ganu thalla b`uzufrutt lil John Azzopardi (stante l-mewt ta` huh Costantino li miet guvni qabel it-testatur), fil-waqt li l-proprjeta` ta` sehemu mill-istess dar thalla lill-uliedu kollha, mahtura werrieta.

Jirrizulta mill-provi u r-rapport tekniku, li n-nofs tal-art *“tal-Virtar”*, fid-data tal-mewt tat-testatur kienet tiswa Lm36,000, waqt li l-valur tan-nofs tal-fond fi Sqaq Ganu (illum Triq it-Tahhan) kif soggett ghall-uzufrutt kien ta` Lm5,300, waqt li l-valur tal-uzufrut wahdu kien ta` Lm2,000. Dan ifisser li, fid-data tal-mewt tieghu, id-de cujus kellu assi jammontaw ghal Lm43,300, li minnhnom Lm5,300 qassamhom ma uliedu kollha, u l-qbija f`legati favur ibnu John u n-neputijiet Brenda u Graziella ahwa Azzopardi. In-nofs tan-nofs tal-art *“tal-Virtar”* ma gietx imhollija b`legat lill-eredi, u kwindi mill-valur ta` dak s-

sehem (Lm18,000) ma tista issir ebda riduzzjoni, pero`, il-valur tan-nofs kollu ghandu jittiehed in konsiderazzjoni biex tigi ikkalkolata d-*“disposable portion”* (ara artikolu 648 tal-Kodici Civili).

F`dan il-kaz, allura, din id-*“disposable portion”* kienet ta` Lm21,650, fil-waqt li n-nofs l-iehor kellu jitqassam mal-ghaxar l-ulied. Lill-dawn l-ulied giet allokat is-somma ta` Lm5,300, il-valur ta` nofs id-dar f`Birkirkara, kif soggetta ghall-uzufrutt imholli b`legat, u b`hekk it-tfal fadalhom jiehdu s-somma ta` Lm16,350 fi proprjeta`. Ghalhekk, oltre dak imholli fit-testment, l-ulied irid jiehdu Lm1,635 kull wiehed u wahda minnhom.

Is-sehem tal-partijiet suppost jittiehed fi proprjeta` pero`, il-konvenuti qed jinvokaw l-artikolu 653(2) tal-Kodici Civili. Fil-fatt, hu car li l-firda ma tistax issir minghajr xkiel u hsara: id-dar ma tistax tinqassam f`bicciet, u l-art, jekk l-ewwel jitnehha nofsha li mhux tat-testatur, u tigi segregata wkoll sehem Brenda u Graziella ahwa Azzopardi (peress li l-legat imholli lilhom mhux soggett ghar-riduzzjoni), mehud ukoll kont tal-konfigurazzjoni tal-art, zgur ma tistax tinqassam f`bicciet, anke jekk it-tmien atturi jaqblu li jiehdu l-ishma taghhom flimkien u b`mod indiviz. Il-hlas, fit-termini tal-artikolu 653(2) irid isir mil-legatarju John Azzopardi.

Dwar id-dar, illum 9, Triq it-Tahhan, Birkirkara, sehem id-de cujus irid jinbiegh bl-licitazzjoni, biex kull eredi jiehu sehem minnha, u l-bejgh irid isir tas-sehem kif suggett ghall-uzufrutt favur John Azzopardi, u bhala stima l-Qorti tordna li tigi adattata l-istma tal-Perit Pace, cioe`, Lm5,300.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi wara li tilqa` t-talbiet tal-atturi, tipprovdi ghad-divisjoni tal-assi tal-mejjet John Azzopardi billi tiddikjara li dawn kienu jikkonsistu biss f`sehem ta` nofs tal-fond 9, Triq il-Tahhan, (allura 4, Sqaq Ganu), Birkirkara, u sehem ta` nofs tal-art *“tal-Virtar”*, Birkirkara; tordna li dan is-sehem ta` nofs tal-fond 9, Triq it-Tahhan, Birkirkara, jinbiegh b`licitazzjoni taht l-awtorita` tal-Qorti, kif suggett

ghad-dritt ta` uzu u uzufrutt favur il-konvenut John Azzopard (kif regolat fil-hames artikolu tat-testment tal-4 ta` Ottubru, 1984) u r-rikavat jinqasam fl-isthma indikati fir-raba` talba attrici; tordna, b`effett ta` din is-sentenza, li l-konvenut John Azzopardi jigi immess fil-pussess tad-dritt ta` uzu u uzufrutt fuq nofs indiviz tal-fond 9, Triq it-Tahhan, Birkirkara (liema dritt ta` uzu u uzufrutt huwa kondizzjonat fit-termini tas-subparagrafu (9) tal-hames artikolu tat-testment tal-4 ta` Ottubru, 1984); tordna wkoll li l-art *"tal-Virtar"* tinqassam f`zewg porzjonijiet (u dan bl-operat tal-perit David Pace li qed jigi nominat ghal dan l-iskop), u, b`effett ta` din is-sentenza, parti tigi assenjata lil konvenut John Azzopardi u parti lill-konvenuti Brenda u Graziella ahwa Azzopardi, in sodisfazzjon tal-legat imholli lilhom fl-ewwel artikolu tat-testment tad-29 ta` April, 1991: l-assenjazzjoni tal-ishma ghandha issir bix-xorti; tordna lill-konvenut John Azzopardi ihallas lil kull wiehed u wahda minn hutu, jew ulied hutu *quid unum* skond il-kaz, s-somma ta` Lm1,635 (elf, sitt mija u hamsa u tlettin liri Maltin), bl-imghax legali mit-22 ta` Lulju, 1996, (ara Vol. XLI.II.838) sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------